Minuti tal-Laqgħa Nru. 10 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar it-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Ralph Mangion |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sra. Graziella Schembri<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Jeremy Cardona |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Tenders
5. Progress
6. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Segretarju avża li kien hemm żball fl-attendenza fejn il-Kunsilliera Jeremy Cardona u Wayne Hewitt attendew għall laqgħa u l-Kunsilliera Graziella Schembri kienet skużata.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MIL-MINUTI

### Bilboards

2.1 Is-Sindku semma li rigward il-bilboards kienu ltaqgħu mal-persuna konċernata. Huwa qal li dan kien avżahom li dawn kienu bla permess. Huwa kien qallhom li kien applika mal-MEPA fuq il-permess tagħhom u xtaq li jkun ukoll regolari mal-Kunsill Lokali peress li kien uża isem il-Kunsill biex applikka.

2.2 Il-Kunsillier Galea semma li dawn il-bilboards kienu ilhom minn Frar u Novembru tas-sena ta' qabel.

2.3 Il-Kunsillier Chetcuti semma li dan kien ħallas xi € 75,000 għall permess.

2.4 Il-Kunsillier Hewitt semma li tista tintuża x-xhieda tad-diskors li ssemma waqt il-laqgħa u dan jittella' l-Qorti. Huwa issuġġerrixxa wkoll biex nieħdu parir mingħand l-avukat.

2.5 Il-Kunsillier Galea semma li minn naħa tal-MEPA dawn ma kinux sabu dettalji fuq minn kienet saret l-applikazzjoni meta hu kien saqsihom.

2.6 Is-Sindku semma li din tista tkun tidher bla sens meta se jkun hawn minn jagħmel ir-reklami fuq il-U-Bars imma imbagħad ma jkunx hemm użu għal bilboards.

2.7 Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li nkellmu lill-avukat fuq dan is-suġġett, pero qabel irridu nsibu minn għamel il-bilboards l-oħrajn ukoll.

2.8 Is-Sindku semma li hemm bżonn li l-ġnien ikollu xi lqugħ madwaru peress li qed ikun hemm minn jidħol minn barra u jabbuża.

### Permessi

2.9 Is-Sindku semma li rigward il-permessi naraw naqa x policies ġodda se jkun hemm u nimxu minn hemm.

2.10 Il-Kunsilliera Schembri saqsiet meta se nibdew naħdmu bis-sistema tal-permessi peress li qed tkun diffiċli u ma nistgħux nsegwu il-complaints li nkunu ħallejna. Hija qalet li bħalissa l-ilmenti jkunu logged imma jieqfu hemm.

2.11 Is-Sindku semma li għall ammont ta permessi li qed isiru jista jkun hawn persuna li xogħolha tkun li ddur fuq fejn ikunu qed isiru x-xogħolijiet.

**Dawl tat-toroq**

2.12 Is-Sindku semma li huwa se jkun qed jiċċekkja ma Fabian kemm hemm allokatt bħala dawl li jista jsir fit-toroq.

**3.0 KORRISPONDENZA**

**Attivita Kulturali**

3.1 Il-Viċi Sindku semma jekk għal Milied nistgħux nagħmlu xi dawl fit-toroq. Is-Sindku qallu li dan dejjem issir.

3.2 Is-Sindku semma li jekk hemm xi Kunsilliera li għandhom proposti għall xi attivita jistgħu jressquhom fil-laqgħa li jmiss.

**Ħamiem**

3.3 Il-Kunsillier Hewitt semma li fuq il-ħamiem xorta se jkollna nirrisolvu għall falkuni.

3.4 Il-Kunsillier Cardona semma li s-Superintendent kienet semmiet persuna apposta awtorizżata li tikkontrollahom. Is-Sindku ċempel lis-Superintendent u din tagħtu d-dettalji.

**Infrastruttura**

3.5 Il-Kunsilliera Schembri qalet li fejn l-Iskola qed ikun hemm sitwazzjoni fejn il-Pulizija qed jagħlqu t-Triq kmieni. Is-Sindku qal li huwa se jkellem lis-Superintendent.

3.6 Il-Kunsilliera Schembri semmiet li fi Triq Nazju Ellul qed ikun hemm konġestjoni. Is-Sindku qal li jekk din issir one way toħloq problema f' toroq oħra fil-madwar.

3.7 Il-Kunsilliera Schembri qalet li hemm parti fil-bidu li qed jidħlu wrong way.

3.8 Il-Kunsillier Hewitt qal li fi Triq San Ġorġ hemm xi gallariji li huma baxxi u hemm nies li qed jidħlu minhom u jisirqu d-djar.

3.9 Is-Sindku qal li din it-Triq ma tagħmilx sens li qiegħda two way u lanqas hemm sinjali tat-traffiku.

**Xogħolijiet u lmenti**

3.10 Il-Kunsillera Schembri qalet li hemm ċertu complaints fejn jidħlu entitajiet oħra li nistgħu nkellmuhom u niftiehmu magħhom u niltaqgħu darba fix-xahar. Hija qalet li f' dan il-każ navżaw ir-residenti li nkunu se niltaqgħu u nressqu l-ilmenti tagħhom ukoll. Din il-proposta se jkun hemm kordinament biex sa laqgħa oħra tibda issir.

3.11 Il-Viċi Sindku semma li kien hemm xi wires imdendlin taħt gallarija. Is-Sindku semma li l-aħjar inkellmu lill-entitajiet kollha biex minn huwa responsabbli jneħħihom.

3.12 Il-Kunsillier Cardona semma li hemm siġra fi Triq Bouverie li kien hemm raġel qed jistaħba warajha. Is-Sindku semma li l-aħjar naraw x' tgħid il-liġi fuq affarijiet li jkunu qed jingumbraw il-bankina u jekk il-Kunsill ikollu s-setgħa jitlob li tittieħed azzjoni jew jeħodha hu.

3.13 Il-Kunsillier Chetcuti semma li kien hemm reserved parking li ngħata l-permess minn naħa ta, TM imma fil-verita din il-persuna kienet timxi. Il-Kunsilliera Schembri semmiet li dawn jinħarġu minn naħa tat-TM u huma jerfgħu r-responsabilta tagħhom.

3.14 Is-Sindku semma li huwa kien talab lista tar-reserved parking imma TM kienu bagħatu lista bid-dettalji ħżiena.

3.15 Il-Kunsillier Cardona semma li bħalissa hemm kwistjoni fejn jidħlu double yellow lines. Huwa qali li dawn ġew mimsusa u tbiddlu b' tali mod li issa ġew illegali. Huwa semma li anki fejn hemm Marshall Court saru abbużi bħal dawn u wera ritratti tagħhom.

3.16 Il-Kunsillier Galea semma li kien hemm pilastru fejn il-Marshall Court li huwa ta periklu sabiex dan jitneħħa minn hemm.

3.17 Il-Kunsillier Cardona tkellem fuq is-shifting tal-parking li kien propost fi Triq Carlo Manche minħabba l-problema tal-ilma. Is-Sindku semma li din xorta kienet se ssir minħabba li kien hemm problema bil-crane li kien se jaħdem hemm.

**Talba għall Sponsor**

3.18 Is-Sindku semma li kien hemm talba mill-Gżira Drama group biex ikollhom sponsor għall reklam. Huwa semma li kien hemm talba oħra minn naħa tal-Kappillan biex ikun hemm reklam tal-Kunsill fuq il-kalendarju u programm apposta li jitħejja għall għaqdiet. Huwa semma li filkaż tal-Kappillan irridu niċċekkjaw kemm kienet it-talba primarjament.

**Librerija**

3.19 Il-Kunsillier Cardona semma li fuq il-librerija kien qed ikollhom ħsarat u trab nieżel mis-saqaf. Huwa qal li f' Diċembru jkun hemm ċerimonja fejn jiġu pprezentati l-kotba. Huwa ssuġġerrixxa biex din id-darba issir b' mod differenti. Kien suġġerritt biex il-Kunsillier Cardona jitlob statistika fuq l-użu tal-librerija.

3.20 Is-Sindku semma li huwa kien se jkellem lis-surmast forsi jinstabu nies biex jagħmlu dan ix-xogħol u tinstab soluzzjoni.

**Claims fuq Inċidenti**

3.21 Is-Sindku semma li fuq il-claim li kien hemm fuq l-inċident li kien diskuss fil-laqgħa ta qabel, huwa semma li l-iktar importanti jrid ikun hemm rapport li jkun sar dak il-ħin.

## 4.0 TENDERS

4.1 Il-Kunsillier Hewitt tkellem fuq it-tenders peress li kellu dubbju fuq wħud minhom. Huwa semma li l-kuntratt tal-kollettur tal-iskart huwa suppost għall 4 snin imma dan il-kuntratt ma kienx instab. Huwa qal li legalment ma kien hemm xejn bil-miktub li jorbot il-Kunsill u l-kuntrattur flimkien.

4.2 Wara diskussjoni fuq dan il-kuntratt kien deċiż li jintalab parir legali fuqu.

4.3 Is-Sindku semma li kif konna qed nitkellmu fuq dan il-kuntratt naraw fuq liem huwa l-aħjar ħin biex jinġabar l-iskart. Il-maġġoranza tal-Kunsilliera qablu li l-iskart jinġabar matul il-lejl. Il-Kunsillier Galea qal li huwa ma jaqbilx li l-iskart jinġabar matul il-lejl.

4.4 Il-Kunsillier Chetcuti qal li bħalissa qed tkun diskussa white paper fuq il-ħinijiet tat-traffiku u jaqbel li l-ewwel naraw x se jkun hemm bħala proposti. Is-Sindku semma li xorta nistgħu nimplimentaw din is-sistema anki bi prova u tibda fit-8.00 pm. Il-Kunsilliera kollha qablu. Il-Kunsillier Galea ma qabilx li l-ġabra tibda fit-8.00 pm.

4.5 Il-Kunsillier Hewitt li kien hemm il-kuntratt tal-knies li kien ilu magħluq snin twal. Huwa semma li meta ċċekkja mal-Bord tal-Gvernanza dawn qalulu li tender ma jistax idum aktar minn tlett snin u għalhekk dan kien illegali.

4.6 Is-Sindku semma li bħalissa qed nistennew risposta minn naħa tal-Cleansing jekk dan il-kuntratt hux se jmur lura għand il-Gvern. Is-Sindku semma li huwa stess kien se jikteb lill-Onor. Buontempo biex naraw kif bqajna fuq id-diskussjonijiet mal-Cleansing.

4.7 Il-Kunsillier Hewitt semma li fuq il-laqgħa li kienet saret kien issemma li t-tender fuq it-tiswijiet tat-toroq kellu jerġa jinħareġ mill-ġdid.

4.8 Is-Sindku semma li meta huwa ċċekkja fuq it-tender tal-istreet lighting sab li dan kien ħareġ minn naħa tar-Reġjun. Huwa qal lis-Segretarju biex jibgħat email sabiex jivverifika.

4.9 Il-Kunsillier Hewitt semma li t-tender taż-żebgħa kien skada. Il-Kunsilliera qablu li dan it-tender għandu jerġa jinħareġ.

4.10 Il-Kunsillier Hewitt semma li kellu jinħareġ ukoll tender tal-hot asphalt. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta.

## 5.0 PROGRESS

5.1 Ma kienx hemm affarijiet diskussa fuq dan is-suġġett

## 6.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

6.1 Il-Kunsillier Hewitt saqsa fuqxiex kien l-ammont li kien hemm fis-schedule fuq Schembri Barbros. Is-Sindku semma li dawn kienu retention money li kienu inżammu lill-kuntrattur li issa kienu qed jitħallsu lura.

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 27 t' Ottubru 2015 fit-9.15 pm. Kien hemm il-ġurnata tat-Tlieta 10 ta' Novembru 2015 proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________ 2015.

______________________
Conrad Borg Manché
Sindku

______________________
Michael Portelli
Aġent Segretarju Eżekuttiv